MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 627/2009

**Go p.l.c.**

**vs**

**Audrey May Reed**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li talbet lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuta thallas is-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tletin Euro u hames centezmi (€530.05), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizz telefoniku numru 21660543.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mis-17 ta’ Ottubru, 2008.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta.

Ra wkoll, li l-konvenuta kienet qed titlob li tigi esentata milli thallas ghall-ispejjes tal-kawza, stante li hija *single mother* u tghix bir-*relief.*

Is-socjeta' attrici opponiet ghal din it-talba.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi dwar il-mertu tal-kawza, giet registrata ammissjoni da parti tal-konvenuta u ghalhekk dan it-Tribunal mhux ser jikkunsidra din il-vertenza.

Li ghandu jigi stabbilit minn dan it-Tribunal, huwa jekk il-konvenuta ghandhiex tbati l-ispejjes tal-kawza. It-Tribunal jissimpatizza mal-konvenuta li hija *single mother* u li tghix bir-*relief*, tant hu hekk, li tinstab f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja.

Madanakollu, dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-atti processwali u jirrizulta li s-socjeta' attrici kellha tezawrixxi l-proceduri kollha sabiex tigi notifikata l-konvenuta, fl-ewwel okkazzjoni, il-konvenuta ma marritx tigbor il-posta u ghalhekk giet riferta *unclaimed*. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn il-purtier ittenta kemm-il darba sabiex jinnotifikaha wara l-hinijiet legali, izda qatt ma sabha hemm u b'hekk is-socjeta' attrici kellha tirrikorri ghal proceduri ta' publikazzjoni u affissjoni, u kien f'dan l-istadju li l-konvenuta pprezentat l-ammissjoni taghha.
Jekk dan it-Tribunal kellu jezenta lill-konvenuta mill-hlas tal-ispejjes, ihoss li dan ma jkunx gust, u dana ghaliex is-socjeta' attrici proceduralment imxiet kif suppost sabiex tittenta tinnotifika lill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba, ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------